DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 115/2008

tas-7 ta' Novembru 2008

li temenda l-Anness XI (Servizzi tat-telekomunikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 84/2008 tal-4 ta' Lulju 2008 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/286/KE tas-17 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi lista ta' standards u/jew speċifikazzjonijiet għal netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, u faċilitajiet u servizzi assoċjati ([2]), għandha tiġi inkorporata f'dan il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 5cy (id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/176/KE) fl-Anness XI mal-Ftehim:

", kif emendat b'li ġej:

— **32008 D 0286**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/286/KE tas-17 ta' Marzu 2008 (ĠU L 93, 4.4.2008, p. 24)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2008/286/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-8 ta' Novembru 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 7 ta' Novembru 2008.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

L-A.S.T. Prinz Nikolaus von LIECHTENSTEIN

([1]) ĠU L 280, 23.10.2008, p. 18.
([2]) ĠU L 93, 4.4.2008, p. 24.
(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.